MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 112/1998/1

Emanuel Conti, Josephine Conti li qed tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' hutha imsefrin Louise mart Charles Axisa, Maria mart Michael Spiteri, John Conti, Raphael Conti, Concetta mart Joseph Bugeja u Carmen mart Paul Vella

Vs

Salvu Mifsud

Il-Qorti,

**Incident stradali – Pedestrian – Nuqqas ta' Uzu ta' strixxa pedonali li tinsab fil-vicinanzi fejn sehh l-incident – Likwidazzjoni ta' danni f'kaz fejn meta sehh l-incident il-vittma kellha 75 sena**.

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-19 ta' Mejju 1998 u li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu likwidazzjoni u hlas

ta' danni minghand il-konvenut u li jghidu sofrew bil-mewt ta' ommhom Maria Conti. L-atturi qeghdin isostnu li l-incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Jannar 1996 gewwa Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex li fih giet imtajra u sussegwentement mietet ommhom (Maria Conti) sehh unikament tort tal-konvenut li fil-hin ta' l-incident kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni R.0989.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fejn ikkontesta r-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni u kkontesta wkoll li l-atturi sofrew xi danni b'rizultat ta' l-incident.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saviour Mifsud** li saret gudikat permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru 2006, dan wara li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007 gie ddikjarat li *"il-partijiet qeghdin jaqblu li jigu allegati l-atti tal-kawza Il-Pulizija vs Saviour Mifsud deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 2006, appell numru 235/2006G, in kwantu fil-kors tal-gbir tal-provi saret ampja referenza ghall-atti tal-proceduri kriminali"*. Rilevanti wkoll li fl-atti tal-kawza fuq imsemmija, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2004 il-partijiet iddikjaraw li *"…x-xhieda li nstemghet f'din il-kawza ghandha tghodd ghall-kawza fl-ismijiet Emanuel Conti et vs Saviour Mifsud" fuq il-lista tal-kawzi Superjuri tal-lum stess"*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-Qorti tistqarr li l-provi huma skarsi. Jidher li fil-hin ta' l-incident, li sehh fis-16 ta' Jannar 1996 ghal habta tas-6.00 p.m, Maria Conti kienet qeghda taqsam Triq Fortunato Mizzi, Victoria filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet sejra fid-direzzjoni ta' Triq Mgarr, Victoria. It-triq fejn sehh l-incident hi dritta u arterja principali li twassal ghac-centru ta' Victoria (Triq Repubblika). Il-Qorti hi tal-fehma li kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-atturi, fil-hin ta' l-incident Maria Conti ma kienitx qeghda taqsam

min-naha tat-triq fejn kien hemm ir-residenza taghha (numru 67, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex)[1] izda min-naha l-ohra tat-triq. Il-fatt li:-

(a) Maria Conti sofriet ksur fil-femur ta' saqajha x-xellugija;
(b) Il-posizzjoni tal-vettura u taz-zarbuna ta' Maria Conti kif murija fil-pjanta li hejja l-perit Guido Vella;

jwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi li fil-hin ta' l-incident il-pedestrian kienet qeghda taqsam min-naha l-ohra tat-triq. Ftit lil hinn minn fejn sehh l-incident hemm *pedestrian crossing*. Tant hu hekk li fil-pjanta li hejja l-perit Guido Vella (fol. 67) min-naha tat-triq minn fejn qasmet Maria Conti, hemm sinjal li jaghti avviz lis-sewwieqa li qeghdin vicin *pedestrian crossing*.

2. L-uniku verzjoni li ghandna dwar dak li suppost gara hi tal-konvenut, in kwantu ma tressqu l-ebda xhieda okulari u Maria Conti (li mietet tlett (3) ijiem wara) qalet lill-pulizija *"…illi hija ma kienetx tiftakar xejn dwar kif sehh l-incident"* (fol. 27). F'dan ir-rigward jigi rilevat li:-

(a) **skond ir-rapport tal-pulizija li nvestiga l-kaz**:- *"Meta mistoqsi mill-Pulizija Salvu Mifsud stqarr illi fil-hin tal-incident huwa kien niezel mit-Triq Fortunato Mizzi, Rabat u sejjer fid-direzzjoni ta' St. Leonard Str., Victoria, wahdu bi speed baxx hafna u fuq il-linja tieghu meta f'daqqa u l-hin lemah lil Conti wara li qabdet u harget min-naha tal-lemin tieghu minn wara karrozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Kompla u qal li f'dak il-hin huwa rabat il-brejkijiet u kiser fuq ix-xellug biex jevita jolqot lill-Conti izda din baqghet gejja xorta wahda u konsegwentement ntlaqtet bil-quddiem tal-mudguard tan-naha tal-lemin ta' quddiem u waqghet fl-art"*.

(b) **Xhieda quddiem il-Magistrat Inkwirenti moghtija fit-13 ta' Marzu, 1997**: Ikkonferma li *"jien x'hin rajtha waslet fuqi, irbot, imbaghad hi habtet, jien waqaft, hi*

[1] Murija fil-pjanta li hejja l-perit Guido Vella mahtur mill-Magistrat Inkwirenti.

*habtet, imbaghad waqaft jien, hu. Jien x'hin rajtha, jien waqaft, imma hi kienet gejja, jew kienet gejja tigri, ghax habtet mal-Land Rover. Jiena x'hin rajtha gejja fuqi, irbatt il-break u waqaft, pero' Conti xorta habtet mal-Land Rover"*. Kompla jghid li *"ghalhekk irrid nghid li jiena kont wieqaf u Cont baqghet gejja ghal fuq il-Land Rover, u laqtet il-land Rover"* u *"jiena ma kontx ghaddej f'dik it-triq insuq b'xi velocita'; nghid illi kieku kont qieghed ghaddej b'velocita', lilha kont insabbatha hafna aktar milli fil-fatt gara"*. Qal ukoll li kien jikkalkola li kien ghaddej b'velocita' ta' mhux iktar minn sebgha jew ghaxar mili fis-siegha.

(c) Xhieda moghtija fl-10 ta' Novembru 2004 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saviour Mifsud**: xehed li Maria Conti qasmet minn fuq il-lemin tieghu *"…jigifieri qasmet minn naha l-ohra tat-triq li kont niezel fiha jien"*. Rega' kkonferma li kien qieghed isuq b'velocita' baxxa, izda zied li *"nghid illi hemmhekk kont tajtha free"*, u li fil-hin ta' l-incident kien hemm traffiku ghaddej fiz-zewg direzzjonijiet. Spjega wkoll li *"l-ewwel li rajt din il-mara kien meta rajtha quddiemi. Taqsam min-naha l-ohra ma rajthiex"* u *"bejn wiehed u iehor meta din il-persuna waqghet ma' l-art minhabba l-habta, id-distanza bejn il-Land Rover u hi kienet ta' x'erbgha (4) jew hames (5) piedi circa"*. F'din is-seduta nqrat it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mill-konvenut quddiem il-Magistrat Inkwirenti u ddikjara li *"max-xhieda li kont tajt ma ghandix x'inzid"*.

3. Bhala principji legali hu rilevanti li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet:-

- Kif tajjeb qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fil-kawza fl-ismijiet **Maria Agius vs Herman Bezzina** deciza fl-20 ta' Mejju 1996:-*"Min ghandu l-kontroll ta' vettura jrid, il-hin kollu, joqghod attent sew ghas-sewqan tieghu, sew ghas-sewqan ta' terzi, kif ukoll ghal pedestrians u b'mod generali, ghal dak kollu li qed*

[2] Imhallef Albert Magri.

*jigri fit-triq"*. Fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Guaci proprio et nomine vs Christopher Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] fis-26 ta' April 2001, gie sottolinejat li *"….. meta wiehed ikun qed isuq irid ikun konsapevoli x'qed jigri madwaru. Ix-xufier ma jistax jillimita l-obbligu tal-vizwali tieghu ghal xi vettura ohra quddiemu izda dan l-obbligu jrid jinkludi ukoll x'hemm fil-wisgha kollu li ttih il-harsa 'l quddiem"*[4]. Sewwieq ta' vettura ghandu jistenna li fi triqtu jistghu jinzertaw nies li, minhabba l-eta' taghhom jew ghal xi raguni ohra, ma jkollhomx dik il-heffa fil-percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik il-heffa fil-moviment li jkunu jistghu jehtiegu c-cirkostanzi.

- *"It-toroq huma normalment ghall-bzonn ta' kullhadd – sewwieqa u pedestrians – pero hu ovvju u fondamentali li kulhadd irid josserva r-regoli mahsuba ghall-protezzjoni tieghu nnifsu u ta' haddiehor. Il-pedestrian ma ghandux il-monopolju ta' l-uzu tat-triq u ma ghandux dritt jistenna u jippretendi illi l-vetturi li jkunu sejrin icedulu biex jaqsam it-triq jew li kellhom xi obbligu li f'kull kaz hekk jaghmlu. Specjalment meta bhal fil-kaz in ezami ma kienx hemm a disposizzjoni tal-pedestrian foot bridges, pedestrian crossings, jew cenral refugees"* (**Bobby Chircop vs George Ciantar** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] fl-1 ta' Ottubru 1996). Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar 1967, fl-ismijiet **Bongailas vs Mercieca** gie osservat li ghalkemm ha hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun, pero' huwa ma ghandux jitqies bhala intruz *"… u filwaqt illi l-pedestrian ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' periklu jew emergenza, min naha l-ohra d-drivers ta' karozzi, li huma ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux*

[3] Imhallef Raymond Pace.

[4] Fis-sentenza **Dr. Joseph A. Schembri nomine vs Niki Casolani** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Tonio Mallia) fid-9 ta' Gunju 2005, saret riferenza ghall-ktieb *"Trial of Motor Car Accident Cases"* ta' Gibbs fejn jinghad: *"The duty to look implies the duty to see what is in plain view.... Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side"*.

[5] Imhallef Joseph Said Pullicino.

*ta' periklu jew dannu ghall-pedestrians li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq"*.

4. Il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(a) Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, f'parti mid-deposizzjoni tieghu l-konvenut qal li fil-hin ta' l-incident il-vettura kienet wieqfa u li kienet Maria Conti li baqghet diehla tigri fil-Land Rover. Mhux l-istess verzjoni ta lis-surgent PS755 Frank Gauci, u meta xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2004.

(b) M'huwiex verosimili li Maria Conti (li kellha hamsa u sebghin (75) sena) harget tigri, kif stqarr il-konvenut. Rilevanti wkoll li meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti u wkoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma semmiex li l-vittma harget minn wara vettura li kienet sejra fid-direzzjoni opposta.

(c) Jekk kif ighid il-konvenut kien qieghed isuq b'velocita' tant baxxa (semma velocita' ta' bejn ghaxra u tnax-il mil) u kien qieghed izomm *proper lookout*, suppost kellu jara lil Maria Conti qeghda taqsam. Mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi haga li qeghda tostakola l-vizwali tieghu u jirrizulta wkoll (ara pjanta li hejja l-perit Guido Vella[6] a fol. 67) li fejn sehh l-incident kien hemm id-dawl. Inoltre, il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi dritta. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tmur fuq il-post u fl-istess hin, bejn wiehed u iehor, li sehh l-incident meritu ta' din il-kawza fejn ikkonstatat li din il-parti ta' Triq Fortunato Mizzi hi mdawwla tajjeb.

(d) Aspett iehor li jista' jkun rilevanti hu li mill-pjanta li hejja l-perit Guido Vella (fol. 67) u anke l-iskizz tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jidher li l-kkonvenut kien qieghed isuq minn dik il-parti tat-triq li l-perit indika bhala Traffic Lines. Dawn il-linji m'humiex interrotti izda kontinwi. Jidher li l-incident sehh proprju meta l-vettura kienet

[6] Li nhatar mill-Magistrat Inkwirenti.

ghaddejja minn fuq dawn il-linji, li l-Qorti tifhem li ma kienux qeghdin hemm biex jghaddu minn fuqhom il-vetturi. Linji li jibqghu jwasslu sar-roundabout li hemm iktar l-isfel minn fejn sehh l-incident.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-konvenut kien attent ghal dak li kien qieghed jigri madwaru. F'sentenza ricenti moghtija mill-Qorti Kassazzjoni Taljana (Sede Penali) gie sottolinejat, *"Al fine di escludere la responsabilità del conducente è, perciò, necessario che lo stesso sia trovato, per motivi estranei ad ogni suo obbligo di diligenza, nella oggettiva impossibilità di avvistare il pedone e di osservarne i movimenti, attuati in modo rapido ed inatteso; occorre, inoltre che nessuna infrazione alle norme della circolazione stradale ed a quelle di comune prudenza sia riscontrabile nel suo comportamento (v. le citate sentenze Sez. IV)"* (27740/2007). Anke l-angolatura tal-vettura misjuqa mill-konvenut, fuq il-pjanta li hejja l-perit Guido Vella taghti lill-Qorti x'tifhem li l-konvenut ra lill-vittma proprju fil-mument li sehh l-incident. Kieku l-konvenut kien attent, bil-velocita' li kien ghaddej biha fi triq dritta u bid-dawl li hemm, kien ikun f'qaghda li jiehu azzjoni evaziva u jevita l-incident. Il-Qorti lanqas mhi konvinta li kien hemm dik l-emergenza subitaneja li tista' twassal sabiex tiskolpa lill-konvenut minn kull responsabbilta' ghall-akkadut. Il-fatt li l-konvenut ighid li ma rax lill-attrici taqsam b'dik il-velocita' minima li jsemmi, hi konferma li ma kienx qieghed izomm *proper look out* kif jesigi sewqan minn xufier prudenti. Dan ma kienx xi kaz fejn il-konvenut ma seta jaghmel xejn sabiex jevita l-incident. Wiehed ma jistax ma jonqosx milli jsemmi wkoll li t-traskuragni min-naha tal-konvenut diga' giet stabbilita mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali[7]

[7] F'liema proceduri l-konvenut kien fil-kors tal-proceduri kriminali assistit mid-difensur ta' fiducja tieghu.

fejn il-kriterji ghas-sejbien tal-htija huma ta’ grad oghla ta’ konvinciment mill-grad ta’ prova mistenni f’azzjoni civili[8].

5. Min-naha l-ohra, m’ahniex fil-kamp kriminali. Dan qieghed jinghad in kwantu f’dik is-sede r-responsabblilta’ hi rrispettiva jekk il-pedestrian kien negligenti wkoll fl-agir tieghu; *“illi gie umbaghad dejjem ritenut li f’sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche’ dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta’ haddiehor…. Dana ghaliex co ntributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru”* (**Il-Pulizija vs Anna Camilleri et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali[9] fil-25 ta’ Settembru 2003). Fil-kaz odjern ftit ‘l fuq minn fejn sehh l-incident hemm *pedestrian crossing*. Il-vittma poggiet lilha nnifisha f’periklu car meta ghazlet li ma taghmilx uzu mill-istrixxa pedonali. Kif diga’ ssemma, din il-Qorti marret personalment fuq il-post u osservat it-traffiku ghaddej mill-post fejn sehh l-incident. Tista’ tghid li t-traffiku hu kontinwu. Il-prudenza verament titlob li l-pedestrian jaghmel uzu mill-istrixxa pedonali, iktar u iktar meta wiehed iqies l-eta’ avvanzata tal-vittma. F’din il-parti l-passagg tal-pedestrians hu regolat b’*pedestrian crossing* u l-pedestrian ghandu obbligu li ma johloqx ghall-utenti l-ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta’ periklu. Minn dak li rat il-Qorti fil-post fejn sehh l-incident, il-vittma ma ghazlitx post tajjeb minn fejn taqsam. Fil-kaz fejn hemm pedestrian crossing fil-vicinanzi immedjati tinkombi fuq il-pedestrian l-obbligu li jaghmel uzu minnha. Dana mehud ukoll in konsiderazzjoni li hu maghruf li l-istrixxa pedonali taghti lill-utent grad ta’ immunita’ u precedenza fuq it-traffiku li jkun qed javvicinaha, anke jekk din m’hijiex assoluta, imma kull kaz ghandu jigi ezaminat fuq il-meritu tieghu. Lanqas ma jista’ jinghad li l-vittma ma kienitx taf li kien hemm strixxa pedonali ftit iktar ‘il fuq minn fejn sehh l-incident in kwantu r-residenza taghha kienet fi Triq

---

[8] Ara wkoll f’dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef) fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Rosso vs Etienne Galea** deciza fit-3 ta’ April 2003.
[9] Imhallef Joseph Galea Debono.

Fortunata Mizzi (proprju ftit passi ‘l boghod minn fejn sehh l-incident). Jekk il-vittma waqt li kienet qeghda taqsam kienet qeghda thares sew (fuq iz-zewg nahat tat-triq) ma setax ikun li ma ratx il-vettura tal-konvenut gejja minn fuq in-naha tax-xellug taghha. Dan iktar u iktar meta mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut kien qieghed isuq b’velocita’ eccessiva u fejn sehh l-incident it-triq hi dritt. L-attrici Carmen Vella xehedet li ommha qaltilha, *“noqghod tant attenta biex naqasam, gie xi hadd minn wara”* (fol. 16). Kliem li jindika li l-vittma ma ratx il-vettura misjuqa mill-konvenuta gejja ghal fuqha u li juri nuqqas ta’ attenzjoni.

6. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti iz-zewg partijiet jahtu ndaqs ghall-incident, u l-konvent ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs id-danni li garrbu l-atturi.

7. Ghal dak li jikkoncerna hlas ta’ danni, m’hemmx kontestazzjoni li Maria Conti mietet b’rizultat tal-griehi li sofriet fl-incident. Il-kontestazzjoni min-naha tal-konvenut hi dwar il-*quantum* tad-danni in kwantu jsostni li l-atturi naqsu milli jressqu l-ahjar prova. Ghalkemm il-kawza ilha pendenti ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, fl-atti m’hemmx prova tal-entita’ tad-danni li qeghdin jippretendu l-atturi. Mill-atti ma jirrizultax xi dhul kellha Maria Mifsud fid-data ta’ l-incident ghalkemm nafu li kellha hamsa u sebghin (75) sena. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut jinghad li ghal finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni *“..il-komputazzjoni tal-lukri cessanti ghandha tinhadem abbazi tal-paga minima nazzjonali f’pajjizna li hija ta’ Lm57.88 fil-gimgha, jigifieri Lm3009.76 fis-sena gross”*. Fin-nuqqas ta’ prova specifika tal-kwantitattiv tad-danni, il-Qorti ser tipprocedi fuq il-bazi ta’ *arbitrio boni viri*. Wara li l-Qorti qieset is-suggeriment tal-konvenut, is-sena li fih sehh l-incident (1998), il-fatt li Maria Conti kienet ezawriet il-hajja lavorattiva u ma tressqux provi li kienet tahdem, u il-multiplier li a bazi tieghu ser jigu likwidati d-danni, ser tikkalkola fuq dhul ta’ mija u sittax-il euro u sitta u erbghin centezmu (€116.46) fil-gimgha ekwivalenti ghall-hamsin lira Maltija (Lm50). Skond l-Artikolu 1046 tal-Kodici Civili (Kap. 16): *“Jekk*

*minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan"*. Mill-provi ma rrizultax li l-atturi kienu strettament dipendenti fuq ommhom, izda madankollu *"mhux korrett u mhux gustifikat mill-kliem tal-ligi dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi biex jista' jinghata dan l-indennizz jehtieg li jkun hemm certa dipendenza ta' l-eredi mill-awtur taghhom jew ahjar mill-qliegh li dan kien jaghmel jew ragjonevolment kien mistenni li jibda jaghmel"* (Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Ronald Petrie et vs Sebastiano Ciappara** deciza fit-22 ta' Gunju 1964[10]). Inoltre, il-fatt li Maria Conti kellha 75 sena ma jfissirx li m'hemmx lok li jigu likwidati danni. Fil-kawza **Carmelo Attard et vs Stephen Micallef** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] fid-29 ta' Mejju 2002, il-vittma kellu tnejn u tmenin (82) sena. Il-Qorti wara li qieset li l-vittma kellu pensjoni u l-eta' avvanzata, fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* llikwidat is-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) minghajr ma kkunsidrat il-kuncett tal-multiplier. Madankollu l-Qorti ma tarax ghalfejn f'dan il-kaz m'ghandix taddotta *multiplier* u ser taghmel il-kalkoli fuq perjodu ta' sitt (6) snin. Il-kuncett ta' multiplier xorta gie accettat per ezempju fil-kawza **Joseph Smith vs Peter Grech** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Alberto Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995 fejn il-midrub kellu sebgha u sittin (67) sena. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Rita Attard vs Joseph Attard et** deciza mill-istess Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995, fid-data ta' l-incident il-vittma kellha erbgha u sittin (64) sena u ghalkemm kienet ezawriet il-hajja lavorattiva u l-uniku dhul taghha kienet il-pensjoni, il-Qorti ghamlet il-kalkoli fuq multiplier ta' ghaxar (10) snin. Il-fatt li Maria Conti kellha hamsa u sebghin (75) sena b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandux jigi adottat multilplier, kif qieghed jippretendi l-konvenut. Is-sentenzi li ghamel riferenza ghalihom il-konvenut ma jghidux hekk. Ovvjament ghamlu l-kalkoli fuq numru ta' snin ghaliex f'kull kaz irid jigi stabbilit limitu kif wara kollox isir anke fil-

[10] Vol. XLVIII.i.364.
[11] Imhallef Raymond Pace.

kaz ta' persuni li jkunu ghadhom ma lehqux l-eta' pensjonabbli u ma jkollhomx impjieg b'introjtu (ezempju klassiku hi l-mara tad-dar). Fil-kaz taghna, mill-provi ma rrizultax li fiz-zmien li sehh l-incident il-vittma kienet qeghda tbaghati minn xi mard jew ma kienitx baqghet attiva. Inoltre, meqjus li l-kaz gara 'l fuq minn ghaxar snin ilu, m'hemmx lok li jsir xi tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%) jew parti minn dan il-percentwali minhabba din ic-cirkostanza (ara f'dan is-sens is-sentenza hawn fuq citata fl-ismijiet **Rita Attard vs Joseph Attard et** fejn bejn l-incident u s-sentenza kienu ghaddew kwazi ghaxar (10) snin). Ghandu jsir ukoll tnaqqis ta' 25% minhabba dak li hu maghruf bhala *"own consumption"*[12] u 40% minhabba *"degree of dependency"* (ara sentenza moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Cassar et vs Il-Prim'Ministru ta' Malta et** deciza fit-3 ta' Lulju 2007 fejn gew trattati dawn il-kuncetti u qeghda ssir ampja riferenza ghal dak li inghad fl-istess sentenza). Ghalhekk id-danni huma fl-ammont ta':

**€6,056.37 x 6 snin – 25% - 40%** = sittax-il elf tlett mija u tlieta u hamsin euro (€16,353) ekwivalenti ghall-sebat elef u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm7,020.34). Peress li r-responsabbilta' giet maqsuma bin-nofs bejn il-konvenut u l-mejta Maria Conti, l-ammont ta' danni pagabbli lill-atturi hu ta' tmint elef mija u sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (€8,176.5) ekwivalent ghal tlett elef hames mija u ghaxar liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,510.17).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-kawza limitatament fil-grad ta' hamsin fil-mija (50%), filwaqt li ghar-ragunijiet imfissrin fis-sentenza tiddikjara li Maria Conti kienet ikkontribwit ghal dak li gara fl-istess grad.

[12] Kuncett li jqies dak li l-mejta stess kienet tikkonsma ghall-ghixien taghha kieku baqghet hajja.

2. Tillikwida d-danni li ghalihom hu responsabbli l-konvenut fl-ammont ta' tmint elef mija u sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (€8,176.5) ekwivalenti ghal tlett elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3,510).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef mija u sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (€8,176.5) ekwivalent ghal tlett elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3,510).

Ir-Registratur tal-Qorti ghandha tigbor minghand l-atturi s-somma ta' mija u ghaxar Euro u sitt centezmi (€110.06) ekwivalenti ghal sebgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm47.25) spejjez dovuti ghall-kopja tal-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saviour Mifsud**.

Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u bl-imghax jiddekorri mil-lum sad-data tal-hlas.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------